# Qorti Civili
# (Sezzjoni tal-Familja)

## Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

## Illum 17 ta' Marzu 2016

Rikors Guramentat Nru. 161 / 12RGM

Kawza fil-lista: 15

**A B**
**vs**
**C D D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attrici A B li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi l-esponenti u l-intimat izzewgu fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' April tas-sena elfejn u ghaxra (2010);

2. Illi l-partijiet ma ghandhomx tfal minn dan iz-zwieg;

3. Illi l-kunsens tal-intimat ghal dan iz-zwieg kien ivvizzjat minhabba difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenjali taghha kif ser jigi ppruvat tul it-trattazzjoni tal-kawza;

Ghaldaqstant l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

Joghgobha tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg celebrat bejn il-kontendenti tal-erbgha u ghoxrin (24) ta' April tas-sena elfejn u ghaxra (2010)) huwa null u bla effetti ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li hu minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut C D D li taqra kif gej:-

1. Illi jista' jkun illi jissussistu l-elementi mehtiega sabiex dan iz-zwieg jigi dikjarat null kif jista' jirrizulta waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors guramentat u kwindi jehtieg illi ssir l-indagini opportuna gudizzjarja biex jigu ventilati u verifikati t-talbiet attrici.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-attrici pprezentata fis-27 ta' Lulju 2015, flimkien ma' estratt tac-chats illi l-konvenut kien ikollu mal-kugina tieghu tal-Awstralja Cindy (Dok A);

Rat li l-konvenut baqa` ma pprezentax in-nota ta' sottomissjonijiet tieghu;

Rat l-atti, l-provi u d-dokumenti kollha esebiti;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkonsidrat:

## PROVI TAL-ATTRICI

Fl-affidavit taghha[1] **l-attrici** tiddikjara li ltaqghet mal-konvenut meta kellha 19 sena u kien l-ewwel boyfriend li kellha bis-serjeta`. Tghid li c-crieket tat-tieg u tal-engagement kien xtrahom l-irhas li sab qisu biex jehles u qatt ma libishom.

Tghid li anke jekk waqt l-gherusija kien ikellem lil kugintu ta' l-Awstralja Cindy fuq l-internet hi qatt ma kellha suspett illi din il-korrispondenza kienet barra min-normal. Tghid li ghalkemm qatt ma kien juriha x'kien jiktbilha, wara z-zwieg harget il-verita` u l-konvenut kien ikellem lil kugintu waqt li hi kienet tkun ix-xoghol.

Tghid li dakinhar tat-tieg hu kien kellem lil kugintu fuq il-mobile. Honeymoon ma kienux marru ghaliex il-konvenut xtaq li l-flus juzawhom sabiex imorru safra l-Awstralja. Tghid li wara tmien xhur zwieg kienu marru vaganza ghand omm

1 Fol 15

Cindy l-Awstralja u wara jumejn li kienu hemm, Cindy kienet telqet il-boyfriend u kienet giet toqghod ghand ommha wkoll.

Tghid li waqt li kienu hemm kienet tara kunfidenza zejda bejniethom u lilha kien iwarrabha biex joqghod fil-kumpanija ta' din it-tfajla. Tghid li bil-lejl kienet tmur torqod wahedha u thallihom fil-living room. Darba dahlilha suspett bil-lejl u marret hdejn il-kamra taghha u ratu hiereg minnha,.

Tghid li waqt li kienu hemm beda jipprova jikkonvinciha sabiex jemigraw l-Awstralja imma hi ma riditx. Tghid li wara hames gimghat, huma gew lura Malta u hu tghidx kemm beka. Meta gew lura hu kien bin-nervi ghax gew lura Malta u mbaghad beda jghajjarha ghaliex kienet tahdem part-time.

Tghid li mbaghad beda jixtri affarijiet bl-addocc minn fuq l-internet, u kien ukoll jixtri rigali lil Cindy. Tghid li beda johrog wahdu u jghix hajja ta' guvni. Tghid ukoll li minn meta marru l-Awstralja ma baqax ifittixha sesswalment.

Tghid li meta kellhom l-inkwiet kien qalilha *"x'mort naghmel b'idejja ghidtlek iva biex nizzewgu."* Meta kienet issemmi li kellhom l-inkwiet habba kugintu kien jghajjarha mignuna u darba beda jsabbat u jghidilha *"int ma ssemmihiex hawn gew."*

Tghid li f'Lulju 2011 kien mar fuqha u qalilha li l-gimgha ta' wara kienet gejja l-kugina mill-Awstralja u ried li jixtru kamra tas-sodda. Hi ma accettatx li din toqghod f'darha wara li kienet qabditu fil-kamra tas-sodda gewwa d-dar ta' ommha. Tghid li minn dokument li sabet fuq il-computer saret taf li l-konvenut kien spiss ipproponielha li tigi Malta sabiex jghixu flimkien u hi kienet qed tikkunsidra din il-proposta.

Tghid li fit-28 ta' Lulju 2011 il-partijiet ma baqghux jghixu fid-dar matrimonjali u l-attrici marret tghix ghand ommha. F'dik il-gimgha cemplilha Fr Joe Mizzi u l-konvenut quddiemu kien cahad u qallu li ma jafx jekk il-kugina kinitx ser tigi. Qal ukoll li lilha u lil kugintu kien ihobbhom l-istess.  Ftit granet wara kienet cemplitilha habiba taghha u qaltilha li Cindy kienet kitbet li giet Malta u li marret il-post taghhom u ghall-bidu bdew jitfghu ir-ritratti flimkien izda mbaghad ma baqghux. Tghid li waqt li kienet Malta, Cindy kienet tghix ghand ommu fejn kien qed jghix hu.

Tghid li f'Settembru 2011 C kien diga` qieghed f'relazzjoni mal-mara li qieghed maghha issa. Kien ilu habib maghha mill-inqas minn Frar 2011 u ilhom jghixu flimkien mill-inqas minn Gunju 2012. Tghid li darba marru tieg u lil kugintu kien qalilha "waqt it-tieg ghabba wahda."

Tghid li kull ma damu jghixu flimkien sena u xahrejn li minnhom l-ahhar sitt xhur miggieldin, u dejjem jahbila l-hbiberiji l-ewwel ma' Cindy imbaghad ma' din il-mara li qed jghix maghha. Tghid li kien iqatta` l-lejl wahdu *chatting* anke sat-tlieta ta' filghodu u skopriet li kien idawwar is-shifts biex ma jkunx maghha u kien idahhal il-computer fil-kamra tas-sodda u jiccettja waqt li hi kienet tkun qed taghmel il-facendi.

Tghid li l-konvenut qatt ma ried jghix hajja mizzewwga u kien iwarrabha u jahbi minnha. Ma kienx lest li jerfa` r-responsabbilta` u s-sagrificcju li ggib maghha l-hajja mizzewwga.

Fl-affidavit taghha **Catherine Mifsud**[2] tixhed illi dakinhar tat-tieg meta qalet lill-konvenut sabiex jiehu hsieb lill-attrici hu gholla rasu u b'ton ta' suppervja wegibha *"Tiehu hsiebi hi."*

**Christopher B** hu l-attrici, fl-affidavit tieghu[3] jixhed inter alia illi c-crieket tal-engagement u tat-tieg kienu marru jixtruhom flimkien u filwaqt li l-attrici xtrat crieket decenti, l-konvenut xtara l-irhas li sab fis-suq. Jghid ukoll illi l-konvenut izzewweg lill-attrici sabiex bil-flus li jaqilghu mir-rigali tat-tieg isiefer lejn l-Awstralja ha jiltaqa` ma' Cindy. Jghid li hu stess ra c-chatting li kien isir bejn il-konvenut u Cindy u kien 'sexually explicit.'

Omm l-attrici **Maria Lourdes B** fl-affidavit taghha[4] tixhed kif waqt l-gherusija l-konvenut kien igib ruhu sew u ma setghetx timmagina li kien hemm xi problemi. Tghid li ma hax interess ghall-preparazzjoni taz-zwieg u lanqas fl-*engagement party*. Tghid li xtara l-irhas curkett tat-tieg ghaliex hu ma kienx se jilbsu. Tghid li l-ewwel darba li l-attrici kelmitha fuq il-problemi matrimonjali kien ftit wara li gew mill-Awstralja ghall-bidu ta' Frar 2011 u mill-ewwel deher li l-problemi kienu serji hafna. Tghid li hi rat ic-*chatting* li kellu ma' Cindy u li ndunat li kien hemm kunfidenza kbira u hbiberija specjali. Tghid li wara l-Awstralja ma baqax imur id-dar taghhom. Tghid li l-attrici kienet iggib il-laptop id-dar u kienu jaraw x'hemm fih. Tghid ukoll li waqt li l-partijiet kienu l-Awstralja, kienu jaraw li l-konvenut kien ipoggi ritratti fuq facebook, izda fil-maggoranza kienu jkunu tieghu u ta' Cindy. Tghid li Fr Joe Mizzi kien ikkonferma quddiemha li l-konvenut stqarr li kien ihobb lil A daqs kemm ihobb lil kugina tieghu. Tghid li llum il-gurnata l-konvenut qieghed f'relazzjoni ma' mara ohra fejn anke jghixu flimkien.

Missier l-attrici **Francis B** fl-affidavit tieghu[5] jghid li bintu kellmitu dwar il-problemi matrimonjali li kellhom ftit wara li gew mill-Awstralja. Jghid li hu kien ra li fuq facebook il-konvenut pogga aktar ritratti tal-kugina tieghu milli tal-attrici meta kienu l-Awstralja. Jghid ukoll li waqt l-gherusija ma kienx ha nteress fil-post

2 Fol 18
3 Fol 19
4 Fol 24
5 Fol 29

u meta marru jixtru c-crieket ghazel l-irhas li sab u rah jilbishom biss dak in-nhar tat-tberik tac-crieket, tat-tieg u ghar-ritratti. Jghid li l-attrici gieli qaltilhom li anke kien sabbat is-siggijiet. Jghid li l-konvenut ma huwiex kapaci jkollu relazzjoni dejjiema ma' mara wahda.

Tixhed ukoll **Helen D Gatt**[6] prodotta mill-attrici. Xhedet li hi habiba taz-zewg partijiet u li wara li l-partijiet irritornaw lura mill-Awstralja rat kambjament kbir fihom u kienu jidhru miksurin sew bejniethom. Tghid li r-ritratti ta' l-Awstralja li rat fuq facebook kienu aktar tieghu u tal-kugina milli mal-attrici. Tghid li wara li gew lura kienu marru jiehdu pizza f'Lulju 2011 u kienu miksurin bejniethom u hu ma nqalax minn fuq il-mobile.

Jixhed ukoll **Fr Joe Mizzi**[7] li jghid inter alia illi huwa ltaqa` mal-partijiet fil-preparazzjoni taz-zwieg. Jghid ukoll li rega` rahom wara l-honeymoon u Maryanne kienet mbikkija u preokkupata li C kien allontana ruhu minnha. Il-konvenut kien cahad l-imgieba allegata minn Maryanne. Il-genituri taghhom ukoll kienu ppreokkupati. Jghid li ma jiftakarx li l-konvenut kien kellmu dwar indhil mill-familja tal-attrici.

**PROVI TAL-KONVENUT**

**Il-konvenut** jixhed[8] viva voce waqt is-seduta quddiem l-Assistent Gudizzjarju tal-25 ta' Novembru 2013, illi kienet l-attrici li ddecidiet li jizzewgu ghaliex hu ma tantx kien cert u hi kienet taf bl-incertezza tieghu. Jghid li ried li l-ewwel jghixu flimkien imbaghad jizzewgu. Jghid li ma xtaqx jizzewweg ghal ragunijiet ta' spejjez u ghaliex kien ghadu ma huwiex lest li jizzewweg. Jghid li ma jafx ghaliex ha d-decizjoni li jizzewweg u ma kienx kuntent li ha dik id-decizjoni.

In kontro-ezami jichad illi kien hemm sitwazzjoni 'not to lose face' kif gie suggerit lilu. Jghid li hu ma kienx jiftah qalbu ma' haddiehor lanqas fuq l-internet kif gie suggerit lilu. Jghid li l-Awstralja kien hemm iz-ziju u z-zija u kugintu li marret toqghod maghom. Jghid li ma kienx iqatta hin ma' Maryanne ghax ma kinux ikunu wahedhom hlief bil-lejl. Jghid li kellhom *connection* tajba fil-honeymoon.

Jixhed ukoll missier il-konvenut **John D**[9] waqt l-istess seduta li jghid li wara li nfirdu ibnu kien qallu li hu kien jghid lill-attrici biex ma jizzewgux ghalissa izda hi riedet tizzewweg.

In kontro-ezami[10], **l-attrici** tghid inter alia li wara tliet snin li kienu ilhom gharajjes kienet avvicinat lill-konvenut halli tara x'se jaghmlu. Hi riedet tizzewweg

---

6 Fol 41
7 Fol 48
8 Fol 61
9 Fol 61-62
10 Fol 90

fl-2010 izda hu ried jizzewweg fl-2011 u dan sabiex ikomplu jimlew il-post, ghalkemm kellhom kollox lest. Tghid li l-Awstralja kien jaghti iktar kaz lil kugintu milli lilha u tahseb li ghalhekk kien qed jittratjeni milli jizzewweg.

**L-AZZJONI ATTRICI**

L-attrici qed titlob li z-zwieg celebrat bejn il-kontendenti fl-24 ta' April 2010 jigi dikjarat null u minghajr effett fil-ligi billi l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha.

L-azzjoni attrici qed issir ai termini tal-Artikolu 19(1)(d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Artikolu 19(1)(d) tal-Kapitolu 255**.

***Zwieg ikun null jekk il-kunsens tal-partijiet, jew ta' xi hadd minnhom, kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' giudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghhom; jew b'anomalija psikologika serja illi ghamlitha impossibli ghall-konvenuta taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.***

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Huwa pacifiku illi d-decizjoni li wiehed jizzewweg tirrikjedi qabel xejn li wiehed jaghmel apprezzament ta' xi tfisser il-hajja mizzewwga, bid-drittijiet u l-obbligi kollha taghha.

Fl-**Ewwel Ktieb tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta** insibu elenku tal-jeddijiet u d-dmirijiet li jitnisslu miz-zwieg. It-tieni u t-tielet artikoli ta' dan il-Kodici, taht is-sub titolu "**Fuq il-Jeddijiet u d-Dmirijiet tar-Ragel u l-Mara Lejn Xulxin"** jipprovdu dan li gej:

> *2. (1) Il-ligi tippromwovi l-ghaqda u l-istabbilita' tal-familja.*
>
> *(2) Il-mizzewgin ghandhom jeddijiet indaqs u jerfghu responsabbiltajiet indaqs matul iz-zwieg taghhom. Ghandhom id-dmir li jkunu fidili lejn xulxin u li jieqfu ma' xulxin kemm moralment kif ukoll materjalment.*
>
> *3. Il-partijiet fiz-zwieg ghandhom l-obbligu, kull wahda minnhom skond il-mezzi u l-hila taghhom, li jahdmu kemm jekk fid-dar kif ukoll*

*barra mid-dar kif jinhtiegu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u li jikkontribwixxu ghall-htigiet tal-familja"*

In tema legali jinghad illi l-Qrati taghna dejjem irritenew l-istitut taz-zwieg bhala istitut ta' ordni pubbliku, u bhala tali jehtieg is-salvagwardji necessarji. Talba ghal dikjarazzjoni ta' nullita` ta' zwieg tehtieg li tigi sorretta minn provi konvincenti li jnisslu fil-gudikant dak il-konvinciment necessarju li effettivament iz-zwieg bejn il-partijiet ma kienx sehh minkejja li c-cerimonja segwit ir-rit previst mill-ligi.

Fil-kawza fl-ismijiet **Anna Tonna vs Alexander Tonna** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Novembru 1991 inghad;

*"F'materja ta' zwieg illi huwa ta'ordni pubbliku, ma tistax taghmilha daqshekk facli li parti tirrepeti kliem il-ligi u l-parti l-ohra tammetti u b'hekk jirrendu zzwieg annullabbli bl-iktar mod facli u espedjenti. Hawn ma ahniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabilita' ta' xi kollizzjoni imam f'kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax thalli nies li kappriccjozament wara xi zmien ta' zwieg jiddecidu li kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iz-zwieg u meta jkollhom siehba jew sieheb iehor jergghu jakkwistaw malghajr din id-deskrizzjoni u jsiru maturi.*

*Fejn jirrizzultaw verament ragunijiet ghall-annullament tieghu zwieg ghandu jigi annullat pero' dan ma ghandux jkun sabiex ikunu akkomodati l-kapricci ta' dak jew l-iehor. Ghalhekk il-kawzali ghall-annullament ghandha tirrizulta cara u minghajr dubju."*

Fil-kawza fl-ismijiet **Carmel D vs Pauline D** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Lulju 1987 inghad:

*"Iz-zwieg huwa wiehed mill-kuntratti l-aktar essenzjali ghas-socjeta' u bla dubbju ta' xejn hu ta' ordni pubbliku li l-Qorti trid tersaq lejh bl-aktar rispett......Ghall-Qorti nullita' hija haga serjissima u eccezzjonali bbazata fuq rekwiziti legali, u bhala materja eccezzjonali trid tkun interpretata ristrettivament."*

Ikkunsidrat ulterjorment:

**<u>Difett Serju ta' Diskrezzjoni ta' Gudizzju - Gurisprudenza.</u>**

Gie kostantement ritenut mill-Qrati taghna illi mhux kwalunkwe stat ta' immaturita' fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku jwassal ghall-annullament taz-zwieg.

Dwar il-kawzali skond l-Artikolu 19(1)(d) tal-Kap 255 inghad fis-sentenza fl-ismijiet **Charles Atkins vs Matilde Atkins** moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-2 ta' Lulju 2003:

> *Il-kuncett tad-'discretio judici' ma jirrekjedhiex maturita' shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cioe' ghall-obbligi u drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva u cioe' dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozzjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett ta' diskrezzjoni tal-giudizzju kif rikjest mill-ligi....Il-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li taghamilhom kapaci jirriflettu fuq l-obbligi, id-drittijiet u ir-responsabiltajiet li jgib maghha l-hajja mizzewwga u jkunu ghalhekk kapaci jerfghu u jwettqu l-istess matul il-hajja matrimonjali taghhom.*

Fil-kawza **Melanie Borg Cachia vs Joseph Borg** deciza mill-Prim Awla talQorti Civili fis 26 ta' Ottubru 2000 ntqal:

> *Id-difett irid ikun wiehed serju fil-fakolta' kritiko-estimativa tal-parti, difett li wiehed jevalwa u jifhem u jassumi dawk li huma d-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taz-zwieg, jew li jevalwa u jifhem x'inhu z-zwieg u l-hajja mizzewga.*

Aktar recenti, f'sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet '**Simon Cusens vs Romina Cusens**' (citaz nru 140/10RGM) moghtija fit-12 ta' Frar 2016 li permezz taghha giet konfermata sentenza moghtija fil-prim' istanza intqal illi :-

"In propozitu jinsab ritenut fil-kawza Appell Civili **Josette Spiteri v. George Spiteri** [Vol.LXXXV.II.81] li fil-gurisprudenza patria jkun hemm difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kemm-il darba jirrizulta li, fil-mument tal-ghoti tal-kunsens, parti jew ohra, tkun priva b'mod sostanzjali, jew ahjar "gravi", minn dik il-fakolta' kritiko–estimattiva jew kritiko-valutattiva dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg; jew minn dik il-maturita` affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement, fis-sens li ma tkunx hasbet bizzejjed jew ma tkunx irriflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga ma jammontax necessarjament ghal difett [serju] ta' diskrezzjoni ta' gudizzju [Prim'Awla **Selina Maria Vella Haber v. Joseph Gatt** – 15.4.1996]. Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kif ravvizat fl-Artikolu 19[1][d] irid ikun hemm **l-inkapacita` psikika [mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku]**

(emfasis ta' din il-Qorti) jew konstituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, u li jiddeciedi liberament fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali li tkun mahkuma minn impulsi nterni li "nehhewlha" l-liberta` tal-ghazla, li kienu determinanti ghal ghazla u mhux semplicement akkumpanjawha. Konformament mal-premess sabiex l-azzjoni attrici tirnexxi fuq din il-kawzali, jehtieg li jigi pprovat sodifacentement li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, il-partijiet jew wiehed minnhom, kien affett minn difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja matrimonjali u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali li din timporta. "In altri termini e' necessaria la discrezione non tanto per l' atto in se al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell'atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro." [**Bersini** - citat fil-kawza Prim'Awla **Angela Spiteri Selvaggi v. Joseph Spiteri** deciza 4.11.1994].

Izda la decizjoni zbaljata u lanqas kull stat ta' immaturita` ma huma sufficjenti sabiex jintegraw din il-*caput nullitatis*. Ma hemmx bzonn li parti jkollha xi livell gholi ta' maturita` jew edukazzjoni, izda talanqas il-livell irid ikun tali li dik l-istess parti tkun kapaci taghmel valutazzjoni shiha, ponderata u libera dwar iz-zwieg u dwar id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg [Prim'Awla **Melanie Borg Cardona v. Joseph Borg** deciza 29.10.2003] [vide ukoll Appell Civili **Caroline Grech v. Ian Borg**, deciza fis-27 ta' Jannar 2006, u l-awturi u kazistika hemm citati].

L-immaturita` jew difett serju ta' diskrezzjoni "non si referiscono ad una piena e terminali maturita', non esigono nei nubenti una conoscenza perfetta ed esaustiva di cio che comporta il matrimonio, non richiedono una preveggenza chiara ed assoluta di cio' che puo' comportare la vita coniugale, ne' un perfetto equilibrio volitivo- affettivo, ne' infine una conoscienza perfetta delle motivazzione della scelta matrimoniale. Ecco perche' riesce piu' appropriato l'uso del termine discrezione di gudizzju, che fa riferimento ad un certo discernimento, ma non implica il raggiungimento di una maturita' piena" [**Pompedda** – ***Il Consenso Matrimoniale***, u awturi ohrajn citati fil-kawza Prim'Awla **Nicholas Agius v. Rita Agius** deciza 25 Mejju 1995, citata fil-kawza Appell Civili **Caroline Grech v. Ian Borg** deciza fis-27 ta' Jannar 2006, [2006] supra]. Inoltre, jinsab ritenut fil-gurisprudenza li l-kuncett ta' maturita` affettiva li jimporta "generalmente quella adeguata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita' che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta' e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi una mancanza di consenso libero [immaturita' affettiva] e ponderato [immaturita' di gudizio]" [***Il Diritto Canonico Matrimoniale*** – **Bersini;** citat fil-kawza Appell Civili **Raymond Theuma v. Carmen Theuma** deciza 27 ta' Jannar 2006].

Ikkunsidrat;

**Konsiderazzjonijiet**.

Il-Qorti issa ser tghaddi sabiex tapplika l-principji legali appena elenkati ghall-kaz in dizamina.

L-attrici qed issostni illi filwaqt li l-kunsens taghha kien validu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi mhux l-istess tghid fir-rigward tal-kunsens tal-konvenut li skond l-attrici kien invalidu ghax kien afflitt minn "difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha".

Fit-testimonjanza tieghu il-konvenut jghid, fost affarijiet ohra "*jien ma tantx kont cert...*"; "*il-parir tieghi kien illi l-ewwel nghixu flimkien imbaghad nizzewwgu*"; "*Ma xtaqtx nizzewweg minhabba ragunijiet ta' spejjez u kont ghadni miniex lest li nizzewweg*"; "*Jien ma kontx lest*"; "*Ma nafx ghaliex hadt dik id-decizjoni*"; "*Ma kontx kuntent li hadt dik id-decizjoni.*" F'tali xhieda l-Qorti ma qed tirraviza l-ebda 'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju' kontemplat fl-artikolu 19 (1) (d) tal-Kap. 255. Fix-xhieda tal-konvenut wiehed ma jsib xejn li oggettivament jista' jwassal lill-Qorti tikkonkludi illi il-volonta' tal-konvenut kienet imxekkla b'xi mod. Il-konvenut xhed li ma jafx ghaliex ha d-decizzjoni li jizzewweg. Imkien mill-provi ma jirrizulta' pero' li fiz-zmien rilevanti kellu l-volonta' libera tieghu imxekkla serjament sabiex twassal ghall-kunsens invalidu.

Il-konvenut jirrepeti fix-xhieda tieghu li ma kienx lest ghaz-zwieg. Pero' ir-raguni ghaliex skont hu ma kienx preparat ma jghidiex. Ma jaghti l-ebda hjiel kif gherusija ta' seba' (7) snin (ara l-ewwel paragrafu a fol 16 tax-xhieda tal-attrici) ma kinitx bizzejjed sabiex jipprepara ruhu ghaz-zwieg. Difatti matul dik l-gherusija ta' seba' snin it-tnejn kienu jahdmu u fi kliem l-istess attrici "il-pjan kien illi nimlew il-post".[11] Helen D Gatt, habiba taz-zewg partijiet, xhedet illi "Kienu veru close fl-gherusija". Xhedet izda li rat it-tibdil minn wara l-honeymoon. Ix-xhud D Gatt tirrakkonta li xi hames xhur wara li l-partijiet kienu gew lura mill-Awstralja il-partijiet rathom li kienu 'miksurin sewwa'. Tghid li kienet tafhom differenti minn kif rathom dakinhar.

L-attrici mill-banda l-ohra tiddeskrivi l-gherusija tal-partijiet bhala "gherusija normali"[12]. Tant kienet normali l-gherusija ghall-attrici illi matul dawk is-snin kollha tghid li ma rat xejn fil-konvenut li kellu jinkwetaha.

Il-mawra gewwa l-Awstralja tmien xhur wara li l-partijiet izzewgu kienet effettivament qamar il-ghasel tal-partijiet ghaliex dak kien il-ftehim ta' bejniethom illi ma jmorrux qamar il-ghasel mill-ewwel sabiex ftit xhur wara jmorru l-

[11] Fol. 16
[12] Fol. 15

Awstralja fejn il-konvenut ghadu familjari jirrisjedu. Dan gie kkonfermat mix-xhud Fr Joseph Mizzi.

L-attrici waslet ghall-konkluzzjoni illi l-konvenut kellu xi relazzjoni amoruza ma' kugintu li kienet tirrisjedi l-Awstralja. Jirrizulta illi minghajr l-ebda habi tal-attrici l-konvenut kien jikkorrispondi ma' kugintu ta' l-Awstralja. L-attrici stqarret li peress li qatt ma ssuspettat xejn hazin fil-konvenut hija lanqas kienet titolbu sabiex tara c-chats tieghu ma' kugintu. Waslet ghall-konkluzzjoni li l-konvenut kellu relazzjoni amoruza ma' kugintu ghaliex skont l-attrici meta marru ghal mawra ppjanata fl-Awstralja ghand iz-zija tal-konvenut, omm il-kugina in kwistjoni, il-konvenut kien iqatta' hafna kien ma' kugintu u darba minnhom ratu hiereg mill-kamra tas-sodda tal-kugina. F'dik l-okkazzjoni l-konvenut insista li ma kien hemm xejn hazin peress li huwa kien qed jara t-televizzjoni flimkien ma' kugintu. Tghid li minn hemm bdiet tissuspetta hazin fih. Kompliet tissuspetta hazin fih peress li beda jinsiti maghha sabiex jibqghu jghixu fl-Awstralja, suggeriment li hija m'accettatx. Ifisser dan li ghall-attrici fl-ewwel ghaxar xhur tal-hajja matrimonjali kollox kien ghaddej normali minghajr l-ebda indikazzjoni li kien hemm xi haga hazina fiz-zwieg taghha.

Man-nota ta' osservazzjonijiet taghha[13]l-attrici ezebiet dokument li skont l-attrici jirraprezenta chat bejn il-konvenut u kugintu fl-Awstralja. F'dan id-dokument hemm kliem li normalment isir bejn tnejn f'relazzjoni amoruza. Dan id-dokument, li m'ghandu l-ebda forma ta' awtentikazzjoni fuqu, huwa indikat bid-data tas-27 ta' Frar 2011. Fit-testimonjanza pjuttost xotta u qasira tieghu il-konvenut jichad li kien jiftah qalbu ma' haddiehor fuq l-internet.[14] Ghaliex l-attrici naqset milli tikkonfronta lill-konvenut bid-dokument li hi ghazlet li tezebixxi man-nota ta' osservazzjonijiet ma tinghata l-ebda spjegazzjoni. Imkien il-konvenut ma gie mistoqsi dwar ir-relazzjoni amoruza li l-attrici ghamlet tant emfasi fuqha waqt ix-xhieda taghha. Il-Qorti fehmet illi l-konvenut ma gie mistoqsi xejn dwar l-allegazzjonijiet tal-attrici fil-konfront tieghu fir-rigward ta' kugintu ghaliex kienet taf li tali allegazzjonijiet ser jigu michuda. Dan jirrizulta mix-xhieda ta' Fr Joseph Mizzi[15] fejn xhed illi huwa kien kellem liz-zewg partijiet wara li gew lura mill-mawra fl-Awstralja u jghid li "C dal altra parte cahad din l-imgieba allegata minn Maryanne".

Anke x-xhieda ta' Fr Mizzi ma taghti l-ebda sostenn ghall-kawzali tad-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga. Addirittura Fr Mizzi jispjega illi kien assista lill-partijiet fil-preparazzjoni taghhom ghaz-zwieg. Jghid hekk fir-rigward: "Jiena ltqajt ma' sia Maryanne u sia C fil-preparazzjoni taz-zwieg, cioe' qabel it-tieg. Naf lill-familjari taghhom u ahna preparajna mill-ahjar li stajna ghaz-zwieg u ghal wara z-zwieg. U ghalhekk komplejna ghaz-zwieg". L-ebda

[13] Fol. 92
[14] Fol. 61
[15] Fol. 48

hjiel jew indikazzjoni remota illi l-volonta’ tal-konvenut li jersaq ghaz-zwieg kienet b’xi mod imxekkla bil-mod kif il-gurisprudenza fuq citata tispjega hu mehtieg ghall-finijiet tal-ligi.

Hija l-fehma tal-Qorti illi l-partijiet kienu wisq ekonomici fir-rakkont taghhom ta’ dak li sehh qabel iz-zwieg. L-gherusija tal-partijiet ma kinitx wahda minn dawk ta’ ftit gimghat jew xhur. Kienet gherusija li damet is-snin li matulha l-partijiet sahansitra xtraw post u kienu qed jghamruh sabiex ikun id-dar matrimonjali.

Il-Qorti ma rriskontrat xejn fix-xhieda mressqa li b’xi mod tissostanzja l-kawzali tal-attrici li l-kunsens tal-konvenut ma kienx wiehed liberu ghaliex afflitt minn ‘difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga’. Huwa evidenti fi kliem Kapitolu 255 illi addirittura mhux kull difett ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju m’ hu bizzejjed sabiex iwassal ghall-annullament taz-zwieg izda jehtieg li tali difett ikun wiehed ‘serju’. Mhux bizzejjed ghall-finijiet tal-vot tal-ligi f’dak li jolqot ‘difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju’ li jigi allegat li xi hadd mill-partijiet ma riedx jizzewweg. Kawzali msejsa fuq l-Artikolu 19 (1) (d) tirrikjedi wisq aktar minn hekk sabiex tigi sostanzjata sodisfacentement ghall-finijiet probatorji.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt li tiddisponi mir-risposta guramentata tal-konvenut tichad it-talbiet attrici.

Bl-ispejjez kontra l-attrici.

**Imhallef** **Deputat Registratur**